

31995D0582

L 327/17

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

30.12.1995

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****ta' l-20 ta' Diċembru 1995****fuq il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra, li jikkonċerna ċerti prodotti agrikoli**

(95/582/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra, li jikkonċerna ċerti prodotti agrikoli, għandhom ikunu approvati biex jiehju f'kunsiderazzjoni l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea, fuq in-naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Islanda, ir-Renju tan-Norveġja u l-Konfederazzjoni Svizzera, fuq in-naħa l-oħra, li jikkonċerna ċerti prodotti agrikoli b'dan approvati fisem il-Komunità.

It-testi tal-Ftehim huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jkunu adottati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regola tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib <sup>(1)</sup> jew id-disposizzjonijiet korrispondenti ta' regolamenti oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jinnomina l-persuna awtorizzata sabiex tiffirma l-Ftehim imsemmi fl-Artikolu 1 u b'hekk torbot lill-Komunità <sup>(2)</sup>.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1995.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

J. M. EGUIAGARAY

<sup>(1)</sup> ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.<sup>(2)</sup> Id-dati tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim għandhom ikunu ppublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.